31997D0115

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-24 ta' Jannar 1997

li temenda d-Deċiżjoni 95/343/KE li tipprovdi l-kampjuni taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-ħalib ittrattat bis-sħana, il-prodotti msejsa fuq il-ħalib u l-ħalib-mhux-raffinat għall-konsum mill-bniedem maħsuba sabiex jiġu aċċettati f'ċentru tal-ġbir, ċentru ta' l-istandardizzazzjoni, stabbiliment tat-trattament jew stabbiliment ta' l-ipproċessar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(97/115/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa għall-produzzjoni u tqegħid fis-suq tal-ħalib mhux maħdum, il-ħalib ittrattat bis-sħana u l-prodotti msejsa fuq il-ħalib [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/23/KE [2],

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/343/KE [3], l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 96/106/KE [4], tipprovdi l-kampjuni taċ-ċertifikati tas-saħħa għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi tal-ħalib ittrattat bis-sħana, il-prodotti msejsa fuq il-ħalib u l-ħalib mhux maħdum għall-konsum mill-bniedem maħsuba sabiex ikunu aċċettati f'ċentru tal-ġbir, ċentru ta' l-istandardizzazzjoni, stabbiliment tat-trattament jew stabbiliment ta' l-ipproċessar;

Billi l-ewwel inċiż ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 13 (1) tad-Direttiva 92/46/KEE jipprovdi illi l-annimali fuq l-azjendi tal-produzzjoni jridu jgħaddu minn spezzjonijiet veterinarji regolari sabiex ikun żgurat illi jkunu qegħdin jitħarsu l-ħtiġiet tal-Kapitolu I ta' l-Anness A;

Billi d-Deċiżjoni 95/343/KE trid tiġi emendata kif jixraq;

Billi l-miżuri pprovduti f'din id-Deċizjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi A, B, Ċ u D mad-Deċiżjoni 95/343/KE huma hawnhekk mibdula bl-Annessi A, B, Ċ u D ta' ma' hawn.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Jannar 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU Nru L 268, ta' l-14. 9. 1992, p. 1.
[2] ĠU Nru L 125, tat-23. 5. 1996, p. 10.
[3] ĠU Nru L 200, ta' l-24. 8. 1995, p. 52.
[4] ĠU Nru L 24, tal-31. 1. 1996, p. 34.

ANNESS A

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-ħalib mhux maħdum minn pajjiżi terzi maħsub sabiex ikun aċċettat f'ċentru tal-ġbir, ċentru ta' l-istandardizzazzjoni, stabbiliment tat-trattament jew stabbiliment ta' l-ipproċessar fil-Komunità Ewropea u mbagħad jiġi wżat għall-konsum mill-bniedem

In-Numru tar-referenza: .....

Il-Pajjiż (u r-reġjun, meta japplika) (1) tad-dispaċċ: .....

Il-Ministeru: .....

Id-dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **L-Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Il-Ħalib mhux maħdum minn: .....
(L-Speċi ta' l-annimali)

— In-Numru tal-kodiċi (kif approprjat): .....

— Il-pakkettjar: .....

— In-Numru ta' l-unitajiet tal-pakkettjar: .....

— Il-Piż nett: .....

II. **L-Oriġini tal-prodotti**

L-Isem u l-approvazzjoni uffiċjali jew in-numru tar-reġistrazzjoni ta' l-azjenda/i tal-produzzjoni / ċentru tal-ġbir / ċentru ta' l-istandardizzazzjoni (2) approvat/i għall-esportazzjoni lejn il-Komunità

.....

.....

.....

III. **Id-destinazzjoni tal-prodotti:**

Il-ħalib mhux maħdum irid jintbagħat

minn: .....
(Il-Post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(Il-Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezz tat-trasport li ġejjin (3): .....

In-Numru tas-siġill: .....

L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

L-isem u l-indirizz tar-riċevitur: .....

.....

(1) Irid jiġi speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità hix ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz interessat.
(2) Ħassar kif meħtieġ.
(3) Agħti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezz tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-kontenituri bil-massa, inkludi n-numru tal-kontenitur.

IV. **L-Attestazzjoni tas-saħħa**

Il-veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq inkiseb minn annimali:

— taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali:

— li kienu f'pajjiż jew reġjun li ilu ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u mill-pesta għal mill-inqas 12-il xahar, u fejn it-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma twettaqx għal mill-inqas 12-il xahar,

— li jappartjienu għal azjendi li ma kienux taħt restrizzjoni minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta, u

— bla ħsara għall-ispezzjonijiet veterinarji regolari sabiex jiżguraw illi jħarsu l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness A tad-Direttiva 92/46/KEE.

Il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara illi huwa familjari mal-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali fid-Direttiva 92/46/KEE.

Maghmul fi .....
(Il-Post)

Fil-.....
(Id-Data)

It-Timbru (1)

.....
(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali (1))

.....
(L-Isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

V. **L-Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq:

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet ta' sustanzi anti-mikrobjali li jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet ta' pestiċidi li jaqbżu l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE, kif emendata

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekivalenti għal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx kontaminanti li jaqbżu t-tolleranzi massimi stabbiliti fil-lista Komunitarja pprovduta fl-Artikolu 2 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93

— ġej minn azjendi rreġistrati u ċċekkjati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— inkiseb, inġabar, tkessah, inħażen u ġie ttrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l- iġjene stabbiliti fil-Kapitolu III ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— kien ittrasportat, meta japplika, f'tankijiet kif deskritt fl-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva 92/46/KEE

— jissodisfa l-istandards ta' l-għadd taċ-ċelluli pjanċi u somatiċi stabbiliti fil-Kapitolu IV ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— inġabar u ġie standardizzat, meta meħtieġ, skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B mad-Direttiva 92/46/KEE.

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tiegħu tidher hawn taħt hawnhekk jiddikjara illi huwa konxju mid-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE u fir-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Maghmul fi, ...
(Il-Post)

Fil-.....
(Id-Data)

It-Timbru (1)

.....
(Il-Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1))

.....
(L-Isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

(1) Il-firma u s-siġill iridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat.

ANNESS B

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

tal-ħalib ittrattat bis-sħana, tal-prodotti msejsa fuq il-ħalib magħmula mill-ħalib ittrattat bis-sħana jew mill-prodotti msejsa fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew minn partijiet ta' pajjiżi terzi inklużi fil-kolonna B ta' l-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/340/KE

In-Numru tar-referenza: .....

Il-Pajjiż (u r-reġjun, meta japplika) [1] tad-dispaċċ: .....

Il-Ministeru: .....

Id-Dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **L-Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Il-Ħalib minn: .....
(L-Ispeċi ta' l-annimali)

— Id-Deskrizzjoni tal-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana magħmul minn ħalib ittrattat bis-sħana / prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana [2]: .....

— In-Numru tal-kodiċi (kif approprjat): .....

— It-Tip tal-pakkettjar: .....

— In-Numru tal-pakketti: .....

— Il-Piż nett: .....

II. **L-Oriġini tal-prodotti**

L-Isem/ismijiet u numru/i ta' l-approvazzjoni/jiet uffiċjali tat-trattament u/jew ta' l-istabbiliment/i approvat/i ta' l-ipproċessar għall-esportazzjoni lejn il-Komunità:

.....

.....

.....

III. **Id-Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-ħalib ittrattat bis-sħana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib magħmul minn ħalib ittrattat bis-sħana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana [2] irid jintbagħat minn: .....
(Il-Post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(Il-Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni

bil-mezz tat-trasport li ġejjin [3]: .....

In-Numru tas-siġill: .....

L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

L-isem u l-indirizz tar-riċevitur: .....

.....

[1] Irid jiġi speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità tkunx ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz interessat.

[2] Ħassar kif approprjat.

[3] Agħti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezz tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-konteniturі bil-massa, inkludi n-numru tal-kontenitur.

IV. **L-Attestazzjoni tas-saħħa**

Il-veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-ħalib ittrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib maghmul mill-ħalib ittrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-shana (1) deskritt hawn fuq inkiseb minn annimali:

— taht il-kontroll tas-servizzi veterinarji uffiċjali:

— li kienu f'pajjiż jew reġjun li ilu ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u mill-pesta ghal mill-inqas 12-il xahar, u fejn it-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma sarx ghal mill-inqas 12-il xahar,

— li jappartjieni ghal azjendi li ma kinux taht restrizzjoni minhabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta, u

— bla ħsara ghal spezzjonijiet veterinarji regolari sabiex jiġi żgurat illi jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness A mad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-paragrafi 1 (a) (i) u b (i).

Il-veterinarju uffiċjali hawn taht iffirmat jiddikjara illi huwa familjari mal-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali fid-Direttiva 92/46/KEE.

Maghmul fi, ... Fil-.....
(Il-Post) (Id-Data)

It-Timbru (2)

.....
(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali (2))

.....
(L-Isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

V. **Iċ-Ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-ħalib ittrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib maghmul mill-ħalib ittrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-shana (1) deskritt hawn fuq:

1. kien iffabbrikat mill-ħalib mhux maħdum:

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ ghall-anqas ekwivalenti ghal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet ta' sustanzi anti-mikrobjali li jaqbżu l-limiti stabbiliti fl-Annessi I u III mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2377/90, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ ghall-anqas ekwivalenti ghal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet ta' pestiċidi li jaqbżu l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness II mad-Direttiva 86/363/KEE, kif emendata

— skond dak li nstab mill-pjan tal-monitoraġġ ghall-anqas ekwivalenti ghal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx kontaminanti li jaqbżu t-tolleranzi massimi stabbiliti fil-lista Komunitarja pprovduta fl-Artikolu 2 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93

— li ġej minn azjendi rreġistrati u ċċekkjati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li nkiseb, inġabar, tkessah, inħażen u ġie ittrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitolu III ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li jissodisfa l-istandards ta' l-ghadd taċ-ċelloli pjanċi u somatiċi stabbiliti fil-Kapitolu IV ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li nġabar u ġie standardizzat, meta meħtieġ, skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B mad-Direttiva 92/46/KEE

(1) Ħassar kif appropriat.
(2) Il-firma u s-siġill iridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat.

2. ġej minn stabbiliment tat-trattament u/jew stabbiliment ta' l-ipproċessar li joffru garanziji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE li jidhru fil-lista ta' l-istabbiliment awtorizzati għalbiex jesportaw lejn il-Komunità Ewropea u li huma bla ħsara għas-sorveljanza mill-awtorità kompetenti skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu VI ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

3. għadda minn trattament tas-sħana matul il-fabbrikazzjoni skond il-ħtiġiet speċifiċi tal-Kapitolu I ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

4. jissodisfa l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

5. ġie mgeżwer u ppakkjat skond il-Kapitolu III ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

6. inħażen u ġie ttrasportat skond il-ħtiġiet tal-Kapitolu V ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

7. ġie ttrasportat, fejn approprjat, f'tankijiet kif deskritt fl-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva 92/46/KEE.

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tiegħu tidher hawn taħt hawnhekk jiddikjara illi huwa konxju mid-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II tad-Direttiva 83/363/KEE u fir-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Magħmul fi, ... (Il-Post)

Fil-..... (Id-Data)

It-Timbru ([1])

..... (Il-Firma ta' l-ispettur uffiċjali) ([1])

..... (L-Isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

([1]) Il-firma u s-sigill iridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat.

ANNESS Ċ

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

tal-ħalib ittrattat bis-sħana, tal-prodotti msejsa fuq il-ħalib magħmula mill-ħalib ittrattat bis-sħana jew tal-prodotti msejsa fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew minn partijiet minn pajjiżi terzi inklużi fil-kolonna Ċ ta' l-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/340/KE

In-Numru tar-referenza: .....

Il-Pajjiż (u r-reġjun, meta japplika) (1) tad-dispaċċ:.....

Il-Ministeru: .....

Id-Dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **L-Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Il-Ħalib minn: .....
(L-Speċi ta' l-annimali)

— Id-Deskrizzjoni tal-ħalib ittrattat bis-sħana / tal-prodott imsejjes fuq il-ħalib magħmul minn ħalib ittrattat bis-sħana / tal-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana (2): .....

— In-Numru tal-kodiċi (kif approprjat): .....

— It-Tip tal-pakkettjar: .....

— In-Numru tal-pakketti: .....

— Il-Piż nett: .....

II. **L-Oriġini tal-prodotti**

L-Isem/ismijiet u n-numru/i ta' l-approvazzjoni/jiet uffiċjali tat-trattament u/jew ta' l-istabbiliment/i ta' l-ipproċessar approvati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità:

.....

.....

.....

III. **Id-Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-ħalib ittrattat bis-sħana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib minn ħalib ittrattat bis-sħana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-sħana (2) irid jintbagħat minn: .....
(Il-Post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(Il-Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezz tat-trasport li ġejjin (3): .....

In-Numru tas-siġill: .....

L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

L-isem u l-indirizz tar-riċevitur: .....

.....

(1) Irid jiġi speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità hijiex ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz interessat.
(2) Ħassar kif meħtieġ.
(3) Agħti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezz tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-kontenituri bil-massa, inkludi n-numru tal-kontenitur.

IV. **L-Attestazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali**

Il-veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-ħalib itrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib magħmul mill-ħalib ittrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-shana (1) deskritt hawn fuq inkiseb minn annimali:

— taħt il-kontroll tas-servizzi veterinarji uffiċjali li jappartjienu lil azjendi li ma kinux taħt restrizzjonijiet minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta, u

— bla ħsara għal spezzjonijiet veterinarji regolari sabiex jiġi żgurat illi jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness A mad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE, bl-eċċezzjoni ta' dawk fil-paragrafi 1 (a) (i) u b (i).

Il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara illi huwa familjari mal-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali fid-Direttiva 92/46/KEE.

Magħmul fi, ... Fil-.....
(Il-Post) (Id-Data)

It-Timbru (2)

.....
(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali) (2)

.....
(L-Isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

V. **L-Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-ħalib ittrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib magħmul mill-ħalib ittrattat bis-shana / il-prodott imsejjes fuq il-ħalib ittrattat bis-shana (1) deskritt hawn fuq:

1. kien iffabbrikat minn ħalib mhux maħdum:

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet ta' sustanzi anti-mikrobjali li jaqbżu l-limiti stabbiliti fl-Annessi I u III tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet tal-pestiċidi li jaqbżu l-limiti massimi stabbiliti fl-Anness II mad-Direttiva 86/363/KEE, kif emendata

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ipprovduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx kontaminanti li jaqbżu t-tolleranzi massimi stabbiliti fil-lista Komunitarja pprovduta fl-Artikolu 2 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93

— li ġej minn azjendi rreġistrati u ċċekkjati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li nkiseb, inġabar, tkessah, inħażen u ġie ttrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitolu III ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li jissodisfa l-istandards ta' l-għadd taċ-ċelloli pjanċi u somatiċi stabbiliti fil-Kapitolu IV ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li ġie miġbur u standardizzat, meta meħtieġ, skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B mad-Direttiva 92/46/KEE

(1) Ħassar kif meħtieġ.
(2) Il-firma u s-siġill iridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat.

2. ġej minn stabbiliment tat-trattament u/jew stabbiliment ta' l-ipproċessar li joffru garanziji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE li jidhru fil-lista ta' l-istabbilimenti awtorizzati għalbiex jesportaw lejn il-Komunità Ewropea u li huma bla ħsara għas-sorveljanza mill-awtorità kompetenti skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu VI ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

3. għadda, minn qabel l-importazzjoni fit-territorju Komunitarju:

   a) minn proċess ta' sterilizzazzjoni, fejn valur ta' *Fc* daqs jew akbar minn 3 inkiseb

      jew

   b) minn trattament inizjali tas-sħana li għandu effett għall-inqas ekwivalenti għal dak miksub mill-pasterizzazzjoni f'temperatura ta' mill-inqas 72°C għal mill-inqas 15-il sekonda, sabiex jipproduċi reazzjoni negattiva għat-test tal-fosfati, segwit minn:

      i) tieni trattament tas-sħana li jinvolvi pasterizzazzjoni f'temperatura għolja, *UHT* jew sterilizzazzjoni, sabiex jipproduċi reazzjoni negattiva għat-test tal-perissidase

         jew

      ii) fil-każ tat-trab tal-ħalib jew ta' prodott imsejjes fuq il-ħalib imnixxef, tieni trattament tas-sħana li jkollu effett għall-inqas ekwivalenti għal dak miksub mill-ewwel trattament tas-sħana, sabiex jipproduċi reazzjoni negattiva għat-test tal-fosfatasi, segwit bi proċess ta' tnixxif

         jew

      iii) proċess ta' aċidifikazzjoni ħekk illi l-valur tal-*pH* jitbaxxa u jinżamm taħt is-6 għal mill-inqas siegħa

4. jissodisfa l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

5. ġie mgeżwer u ppakkjat skond il-Kapitolu III ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

6. inħażen u ġie ttrasportat skond il-ħtiġiet tal-Kapitolu V ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

7. ġie ttrasportat, meta approprjat, f'tankijiet kif deskritt fl-Artikolu 16 (2) tad-Direttiva 92/46/KEE.

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tiegħu tidher hawn taħt hawnhekk jiddikjara illi huwa konxju mid-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III mar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II mad-Direttiva 86/363/KEE u fir-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Magħmul fi, ... (Il-Post)

Fil-..... (Id-Data)

It-Timbru (1)

.....
(Il-Firma ta' l-ispettur uffiċjali) (1)

.....
(L-Isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

(1) Il-firma u s-siġill iridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat.

ANNESS D

IĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

tal-prodotti tal-ħalib mhux maħdum minn pajjiżi terzi maħsuba għall-konsum mill-bniedem

In-Numru tar-referenza: .....

Il-Pajjiż (u r-reġjun, meta japplika [1]) tad-dispaċċ: .....

Il-Ministeru: .....

Id-Dipartiment responsabbli miċ-ċertifikazzjoni: .....

I. **L-Identifikazzjoni tal-prodotti**

— Il-Ħalib minn: .....
(L-Ispeċje ta' l-annimali)

— Id-Deskrizzjoni tal-prodott tal-halib mhux maħdum: .....

— In-Numru tal-kodiċi (kif approprjat): .....

— It-Tip tal-pakkettjar: .....

— In-Numru tal-pakketti: .....

— Il-Piż nett: .....

II. **L-Oriġini tal-prodotti**

L-Isem/ismijiet u numru/i ta' l-approvazzjoni/jiet uffiċjali ta' l-istabbiliment/i ta' l-ipproċessar approvat/i għall-esportazzjoni lejn il-Komunità:

.....

.....

.....

III. **Id-Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodott tal-halib mhux maħdum irid jintbagħat minn .....
(Il-Post tad-dispaċċ)

lejn: .....
(Il-Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

bil-mezz tat-trasport li ġejjin [2]: .....

In-Numru tas-siġill: .....

L-isem u l-indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

L-isem u l-indirizz tar-riċevitur: .....

.....

[1] Irid jiġi speċifikat jekk l-awtorizzazzjoni ta' l-importazzjoni lejn il-Komunità hix ristretta għal ċerti reġjuni tal-pajjiż terz interessat.

[2] Agħti n-numru tar-reġistrazzjoni, in-numru tat-titjira jew l-isem tal-mezz tat-trasport ta' l-oġġetti. Għall-kontenituri bil-massa, inkludi n-numru tal-kontenitur.

IV. **L-Attestazzjoni tas-saħħa ta' l-annimali**

Il-veterinarju uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-prodott tal-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq kien iffabbrikat mill-ħalib mhux maħdum miksub minn annimali:

— taħt il-kontroll tas-servizz veterinarju uffiċjali:

— li kienu f'pajjiż jew reġjun li kienu ħielsa mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer u mill-pesta għal mill-inqas 12-il xahar, u fejn it-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma sarx għal mill-inqas 12-il xahar

— li jappartjienu għal azjendi li ma kinux taħt restrizzjoni minħabba l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer jew il-pesta, u

— bla ħsara għal spezzjonijiet veterinarji regolari li jiżguraw li jissodisfaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fil-Kapitolu I ta' l-Anness A mad-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE.

Il-veterinarju uffiċjali hawn taħt iffirmat jiddikjara li huwa familjari mal-ħtiġiet tas-saħħa ta' l-annimali fid-Direttiva 92/46/KEE.

Magħmul fi, ...
(Il-Post)

Fil-.....
(Id-Data)

It-Timbru (1)

.....
(Il-Firma tal-veterinarju uffiċjali) (1)

.....
(L-isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

V. **L-Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika illi l-prodott tal-ħalib mhux maħdum deskritt hawn fuq:

1. kien iffabbrikat minn ħalib mhux maħdum:

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ippruvduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet ta' sustanzi anti-mikrobjali li jaqbżu l-limiti stabbiliti fl-Annessi I u III mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90, kif emendat

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ippruvduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx fdalijiet tal-pestiċidi li jaqbżu l-limiti massimi stabbiliti fl-Annessi II tad-Direttiva 86/363/KEE, kif emendata

— skond dak li nstab mill-pjani tal-monitoraġġ għall-anqas ekwivalenti għal dawk ippruvduti fid-Direttiva 92/46/KEE, ma fihx kontaminanti li jaqbżu t-tolleranzi massimi stabbiliti fil-lista Komunitarja ppruvduta fl-Artikolu 2 (3) tar-Regolament (KEE) Nru 315/93

— li ġej minn azjendi rreġistrati u ċċekkjati li jħarsu l-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li nkiseb, inġabar, tkessaħ, inħażen u ġie ttrasportat skond il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitolu III ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE

— li jissodisfa l-istandards ta' l-għadd taċ-ċelloli pjanċi u somatiċi stabbiliti fil-punt 3 tal-paragrafu A tal-Kapitolu IV ta' l-Anness A mad-Direttiva 92/46/KEE, rigward il-ħalib tal-baqra, il-punt 2 tal-paragrafu B rigward il-ħalib tal-bufla, u l-punt 2 tal-paragrafu Ċ rigward il-ħalib tal-mogħża u tan-nagħġa

— li, fejn meħtieġ, inġabar u ġie standardizzat skond il-kondizzjonijiet ta' l-iġjene stabbiliti fil-Kapitoli I, III u IV ta' l-Anness B mad-Direttiva 92/46/KEE

2. jiġi minn stabbiliment ta' l-ipproċessar li joffri l-garanziji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-Kapitolu II tad-Direttiva 92/46/KEE li jidhru fil-lista ta' l-istabbilimenti awtorizzati għalbiex jesportaw lejn il-Komunità Ewropea u li hu bla ħsara għas-sorveljanza mill-awtorità kompetenti skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu VI ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

(1) Il-firma u t-timbru jridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat.

3. ma ghadda minn ebda trattament bis-shana matul il-fabbrikazzjoni tieghu minn halib mhux mahdum
4. jissodisfa l-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stabbiliti fil-Kapitolu II ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE
5. ġie mgeżwer u ppakkjat skond il-Kapitolu III ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE
6. inhażen u ġie ttrasportat skond il-htiġiet tal-Kapitolu V ta' l-Anness Ċ mad-Direttiva 92/46/KEE

— L-ispettur uffiċjali li l-firma tieghu tidher hawn taht hawnhekk jiddikjara illi huwa konxju mid-disposizzjonijiet li jinsabu fid-Direttiva 92/46/KEE, fl-Annessi I u III tar-Regolament (KEE) Nru 2377/90, fl-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE u fir-Regolament (KEE) Nru 315/93.

Maghmul fi, ...
(Il-Post)

Fil-.....
(Id-Data)

It-Timbru [1]

.....
(Il-Firma ta' l-ispettur uffiċjali) [1]

.....
(L-Isem b'ittri kbar, il-kariga u t-titolu tal-firmatarju)

[1] Il-firma u t-timbru jridu jkunu ta' kulur differenti minn dak ta' l-istampar fuq iċ-ċertifikat.